**156. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' SIT F'ĦAL FAR LIL ĦAL FERH HOLIDAY COMPANY LTD

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lil Ħal Ferh Holiday Companu Ltd., is-sit f'Ħal Ferħ deskritt aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-sehh fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment  fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-sit f'Ħal Far jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpannija, Ħal Ferh Company Ltd. għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

12.01.1979